**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 10 ta' Jannar, 2024**

Numru 18

**Appell Nru. 38/2023**

**John Busuttil**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar tal-5 ta' Lulju 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2023 li laqa' limitatament petizzjoni P8/22 dwar tnehhija jew riduzzjoni ta' multa sussegwenti ghal avviz ta' twettiq EC27/18 mahrug fuq sit f'Hal Safi wara li l-istess illegalitajiet tnehhew sussegwentement ghall-avviz;

Rat ir-risposta ta' John Busuttil li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Din id-decizjoni hija fir-rigward ta' petizzjoni dwar tax invoice INV 12295 ghal €24861 ghal perjodu ta bejn 11.09218. u .8.11.2021.

Fil-petizzjoni il-petizzjonant ghamel is-segwenti punti:
i. The petitioner had filed an appeal PAB 361/18 against the enforcement and it is normal practice that all procedures and actions are suspended pending such appeal.
ii. On the 19th May 2022 the Appeal Tribunal declared that the merits of the appeal were exhausted with no further cognizance being taken of the appeal.
iii. The fine is exorbitant since it refers to a very minor breach of a couple of small boats and rubbish which did not belong to the petitioner.
iv. The relative fine will create hardship on the petitioner due to the fact that he lives solely on his pension.
v. The petitioner is a sick man and has been over the past eight years several times to Mater Dei due to Cardiac issues.
vi. During the covid pandemic life was practically at a standstill.

L-Awtorita' rrispondiet ghal din il-petizzjoni u ghamlet is-segwenti punti.
i. L-izvilupp relattiv kien bdil ta' uzu ta' art minn wahda agrikola ghal dik fejn qed jigi depozitat scrap material kif ukoll hazna ta' dghajjes.
ii. Fil-kors tal-appell PAB 369/18 u 361/18 certu Paul Busuttil iddikjara bilgurament illi l-art in kwistjoni tappertjeni lil familja Busuttil li hu huwa kellu sehem indiviz ta 1/6. Id-dghajjes f'din l-art huma tal-petizjonant u li dan John ghandu sehem ta' 1/18 indiviz.
iii. Il-familja kollha Busuttil ma jridux li jitqieghdu dawn id-dghajjes fuq is-sit.
iv. Il-multa waqfet tiddekorri fit-8 ta' Novembru 2021 meta gie konfermat li s-sit tnaddaf.
v. Raguni ta' mard jew eta' mhux tali li wahedha ghandha twassal ghal dikjarazzjoni li multa hija eccessiva.
vi. Dwar il-pandemija, l-Awtorita' tishaq li r-reat sehh qabel ma bdiet il-pandemija.

Ikkunsidra.
Il-ligi applikabbli tghid:
5. It-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandu jeżamina petizzjonijiet milqugħa minnu, u għandu jilqa' biss petizzjoni sew parzjali sew fl-intier tagħha meta jkun hemm raġunijiet forzanti biex jagħmel hekk, bħal:
(a) raġunijiet umanitarji li jattenwaw iċ-ċirkostanzi relatati mal-għemil tar-reat skedat; u
(b) fil-każ meta s-suġġett tal-akkuża jew tal-avviż taħt l-artikolu 86(14) tal-Att dwar lAmbjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew in-natura tiegħu jkun manifestament inġust u, jew oppressiv, u, jew manifestament sproporzjonat meta jitqiesu n-natura u tal-fatti tal-każ.

Irid jinghad u jigi affermat li ragunijiet moghtija mill-petizjonant fir-rigward ta' eta' ma tantx jistghu jigu accettati wahedhom "in a vacuum". Dana ghaliex ikun komdu wisq li issir trasgressjoni ambjentali u mbaghad wiehed jippretendi temperament fil-multa minhabba l-eta'.

Il-kwistjoni ta' sproporzjon li qed jara, forsi, it-Tribunal hija aktar diretta lejn in-natura tal-multa fil-konfront tal-petizzjonant bhala tali. Mill-Atti jidher pacifiku li l-art in kwistjoni tippartjeni lil petizzjonant biss ghal cippa ta' 1/18 – almenu hekk gie dikjarat mill-Awtorita' fis-

sottomissjonijiet relattivi. Infatti t-Tax invoice bhala tali inhareg fuq diversi nies ossia Paul Busuttil, Carmel Busuttil, Joseph Busuttil, Emanuel Busuttil, Joan Camilleri, Paul Zammit, Emanuel Busuttil (iehor), Paul Busuttil (iehor) u Paul Busuttil (iehor).

Sabiex ma jkunx hemm sproporzjoni u ingustizzja fil-konfront ta' kull min huwa msemmi fl-Invoice (u l-avviz) ikun gust li jkun hemm temperament fil-multa applikabbli sabiex din tirrifletti 1/18 tal-ammont mitlub.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa limitatament l-petizzjoni u jordna li l-INV 12295 jigi dikjarat null u bla effett u jordna li jinhareg Tax Invoice gdid fir rigward tal-EC 00027/18 ghal perjodu koncernat u dana fl-ammont ta' € 1381.16 liema ammont ghandu jkun dovut esklussivament minn John Busuttil (ID 711758M).

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-Awtorita huma s-segwenti:

1. It-Tribunal mar oltre dak li jghid ir-regolament 5 tal-L.S. 552.24 fejn wara li sab li r-ragunijiet moghtija mill-appellant ma kienux jinkwadraw ruhhom fl-attenwanti fl-istess regolament stharreg materja mhux avvanzata fil-petizzjoni fejn qies li minhabba l-petizjonant kellu biss parti wahda minn tmintax mis-sit u jirrizulta illi 'tax invoice' tal-multa inharget fuq diversi persuni, il-petizjonant kellu jhallas biss parti ta' wahda minn tmintax mill-multa. In oltre din mhix 'raguni forzanti' kif jghid regolament 5 ghal tnaqqis tal-multa;
2. Fl-appell 6/23 fl-ismijiet Paul Bususttil et vs Awtorita tal-Ippjanar deciza fil-15 ta' Gunju 2023 it-Tribunal cahad il-petizzjoni u ma gietx appellata u ghalhekk id-decizjoni f'din il-petizzjoni ghandha tkun l-istess, altrimenti jkun hemm kontradizzjoni;
3. Ir-regolament 3 tal-L.S. 552.24 jghid illi l-Awtorita ghandha tavza lil persuna li jkun suggett ghal multa bl-avviz ta' twettiq. In oltre l-artikolu 100(5) tal-Kap. 552 jghid li kull ammont dovut lill-Awtorita jistghu jigu irkuprati minghad sid l-art jew l-okkupant jew il-persuna responsabbli ghall-ghemil. Billi l-persuni notifikati bl-avviz jitqiesu debituri, it-Tribunal kien skorrett meta iddecieda li jattribwixxi ammont ta' sehem mill-multa dovuta esklussivament mill-appellat.

## L-aggravji mehudin flimkien

Billi l-aggravji jirkbu wiehed fuq l-iehor ghandhom jigu kunsidrati flimkien. It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni tieghu li jnaqqas il-multa fil-konfront tal-appellat ghaliex qies is-sehem li ghandu mill-proprjeta u ghalhekk uza dik il-parti tar-regolament 5 tal-L.S. 552.24 ghaliex kien hemm sporporzjon manifest bejn il-multa u n-natura u fatti tal-

kaz, u filwaqt li iddikjara l-invoice tal-multa fl-ammont ta' €24,861 nulla ordna li tinhareg invoice gdida bl-ammont ridott ta' €1,381.16 li jirraprezenta s-sehem tal-appellat mis-sit.

It-Tribunal sahaq fuq is-sehem tal-appellat li kien zghir u li l-multa kienet issejjah lil diversi koproprjetarji ohra li l-istess Tribunal ammetta li inharget fuqhom ukoll. Ghalhekk filwaqt li irriduca l-multa ghas-sehem tal-appellat jidher li fil-petizzjoni 6/23 maghmula minn koproprjetaji ohra tas-sit din il-petizzjoni gie michuda u ghalhekk fil-konfront taghhom l-multa baqghet dik originali filwaqt li l-istess multa giet annullata b'din id-decizjoni u ridotta ghall-ammont fuq indikat, pagabbli mill-appellat. Din id-decizjoni wahedha gia holqot intoppi legali bla bzonn ghaliex jew il-multa originali hi nulla jew mhix u ma tistax tkun nulla ghal uhud mill-koproprjetarji u ghal ohrajn valida. Din minnha infisha tohloq ingustizzja u sporporzjon li t-Tribunal kellu jqis.

Apparti dan, dan ir-regolament fil-parti li semma t-Tribunal jirreferi ghal sproporzjon meta jitqiesu n-natura tal-fatti tal-kaz. L-isproprzjon mhux relatat mal-persuna mghobbija bil-multa izda s-suggett jew natura tal-akkuza jew avviz ikun sporporzjonat mal-multa moghtija. It-Tribunal ma qies il-multa sproporzjonata man-natura tal-avviz izda qies s-sehem li kellu l-appellat fis-sit bhala komproprjetarju tal-art. Din ma tinkwadrax ruhha f'dan ir-regolament. Mhux hekk biss izda l-istess appellat lanqas biss ressaq aggravju f'dan is-sens u t-Tribunal qies aggravju li ma kienx parti minn dak mitlub minnu jiddeciedi.

Maghdud ma' dan din il-Qorti tirreleva illli kif issottomettiet l-Awtorita l-artikolu 100(5) tal-Kap. 552, l-istess Awtorita giet moghtija s-setgha diskrezzjonali li tigbor il-multa bhala dejn civili minghand sid l-art jew l-okkupant, jew il-persuna responsabbli ghal ghemil, u dan bla hsara ghal dik il-persuna li tirkupraha minghand persuni ohra li jistghu jkunu responsabbli. Dan l-artikolu ixejjen il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal dwar l-obbligu tal-hlas tal-multa li ghandha tkun ekwivalenti ghas-sehem tieghu mis-sit. Il-multa hi wahda, imposta wara illegalita kommessa fuq is-sit. Is-sid hu wiehed mill-persuni li jirrispondi ghal hlas shih ta' multa imposta dwar illegalita fuq is-sit. Ma hemmx indikazzjoni fl-imsemmi artikolu li s-sidien kollha ghandhom jigu notifikati,

tant li l-istess artikolu jaghti d-dritt ta' rivalsa ta' min jigi mghobbi bil-multa kontra min hu responsabbli jew ko responsabbli ghall-illegalita li waslet ghal multa.

Thares mnejn thares lejha, id-decizjoni tat-Tribunal hi zbaljata fil-ligi u ghalhekk fil-limiti ta' dak deciz l-appell tal-Awtorita qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Awtorita, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2023 u tqis bhala valida l-invoice 12295. Spejjez ghall-appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur